**24 ta' Marzu, 1959**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Rikors ta' Lorenzo Zammit et.

**Libertà Provvizorja — Art. 569 u 570 tal-Kodiči Kriminali.**

*L-ghoti tal-libertà provvižorja, fil-kaži fejn din il-libertà tista' tinghata, huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti; però, il-liġi tesprimi l-kriterji fondamentali li jiggwidaw l-eżerčiz-*

*zju ta' din il-konċessjoni, ċjoè l-garanzija li l-imputat jagħti li jidher għal kull att tal-proċess fiż-żmien u fil-post li jiġi lilu ordnat, u l-ieħor dwar il-probabbiltà li l-imputat, jekk ikun liberu, jinġer'xxi ruħu fil-provi tal-Prosekuzzjoni.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-imputati, li bih talbu li tiġi akkordata lilhom il-libertà provviżorja;

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Kuruna Anzjan, li opponа t-talba minħabba fiċ-ċirkustanzi tal-każ, fosthom dawk li taw lok għall-fatt;

Ir-rikorrenti ġew imressqa taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Istruzzjoni Kriminali fis-16 ta' Marzu 1959, fuq l-imputazzjoni li, (a) bil-ħsieb li jikkaġunaw offiża gravi, ħebbew għal Emmanuele Agius u sawwtuh b'oġġett iebes u bi strument li jaqta' u bil-ponta, u kkaġunawlu (i) ferita gravi minħabba penetrazzjoni fil-kavità addominali, (ii) u ferita ta' natura ħafifa, salva komplikazzjoni; (b) volontarjament kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-publiku bil-għajjat u ġlied; (c) li Lorenzo Zammit u Serafino Frendo kellhom fuqhom strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenza tal-Pulizija; (d) u li Antonio Frendo ħebb għal Francis Galea u sawwtu b'oġġett iebes, u kkaġunalu feriti ta' natura ħafifa, salva komplikazzjoni;

Il-kumpilazzjoni ngħalqet bir-remissjoni tal-imputati biex jitqegħdu taħt att ta' akkuża;

Ħlief fil-każi ndikati fl-art. 569 tal-Proċedura Kriminali, li ma jaqgħux taħthom l-imputazzjonijiet preżenti, lill-imputat arrestat tista' tingħata l-libertà provviżorja meta huwa jagħti garanzija tajba li jidher għal kull att tal-proċess fiż-żmien u fil-post li jiġi lilu ordnat (art. 568 Proċ. Krim.);

L-għoti tal-libertà provviżorja huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti; però, il-kriterji fondamentali li jiggwidaw l-eżerċizzju ta' din il-konċessjoni huma dawk espressi

mil-liġi, ċjoè l-garanzija li l-imputat jidher għal kull att tal-proċess, u l-ieħor, aċċettat mid-dottrina u minn din il-Qorti, rigward il-probabbiltà li l-imputat, jekk ikun liberu, jinġerixxi ruħu fil-provi tal-Prosekuzzjoni. Il-liġi, mbgħad, fl-art. 570 tal-Proċedura Kriminali, tagħti l-kriterji għall-fissazzjoni tal-ammont tal-garanzija, skond il-kondizzjoni tal-imputat, ix-xorta u l-kwalità tar-reat imputat, u ż-żmien tal-piena li għaliha dak ir-reat ikun suġġett;

Fil-każ preżenti, speċjalment li l-kumpilazzjoni spiċċat, xejn ma ġie mressaq li jindika l-probabbiltà ta' frastornament tal-provi tal-Prosekuzzjoni jekk tingħata lir-rikorrenti l-libertà provviżorja;

Għalhekk;

Meħuda f'konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi skond l-art. 570 tal-Proċedura Kriminali;

Tilqa' t-talba, b'depożitu ta' £200 għal kull wieħed mir-rikorrenti.